MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 407/2004

**Avialinks Enterprises Limited**

**Vs**

**Mario Attard Flores u David Debattista**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1254.86) rappresentanti ammont bilancjali ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u ikkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tas-6 ta' Jannar 2004 u bl-imghax legali mit-2 ta' Dicembru 2003 data ta'l-ahhar konsenja kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-2 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1254.86), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Dicembru 2003, data ta'l-ahhar konsenja.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------